**<u>BIRKIRKARA ULTRAS – FANZINE MARZU 2008</u>**

Wara fazi pjuttost kwieta ghalina l-ultras, fejn kien hemm ukoll protesta fil-konfront tat-tim lejn l-ahhar ta' l-ewwel fazi minhabba li l-prestazzjonijiet kienu wisq deludenti, il-players indunaw li setghu u kellhom jaghmlu xi haga aktar u dan urewh bil-fatti fil-ground fejn minbarra li laghbu bi grinta u kwalita', gabu ukoll rizultati li ftit kienu jbassru fil-bidu tac-Championship Pool.

## Sliema Wanderers Vs Birkirkara FC – 13 ta' Marzu

Ic-Champioship pool kellha tibda fil-weekend tat-8 u d-9 ta' Marzu, izda minhabba l-elezzjoni generali il-partiti gew posposti ghal matul il-gimgha. L-ewwel loghba kienet kontra t-tim li spicca l-ewwel fazi fit-tielet post, igifieri Sliema Wanderers. Ghal din il-partita il-grupp ma kellux aspettativi kbar, hlief li t-team jaghti wirja simili ghal dawk ta' l-ewwel zewg konfronti kontra l-istess Sliema, fejn ksibna rebha u draw. Maghna tellajna l-banner tal-grupp, il-bnadar tal-kaxxi tas-soltu u xi hand held banner, kif ukoll il-banner li jitwahhal wara l-lasta 'Super Sylla'. Bhala numru konna ftit pero' ghamilna l-ghalmu taghna biex natu support denju lit-tim taghna. Il-banner apparentament ispirah lil Sylla ghaliex skurja 2 goals f' 20 minuta, u t-tim kien qed jaghti wirja brillanti. Il-grupp irvilla xhin ir-referee ordna penalty inezistenti favur Sliema u kecca lil Yanchev. Pero ir-rabja taghna malajr inbidlet f'ferh inkredibbli meta Omar salva l-penalty. Dan l-episodju aktar qanqal fina d-determinazzjoni li nghinu lit-tim taghna izomm il-vantagg li kellu.

Fit-tieni taqsima Sliema mill-ewwel sabu l-goal u dan hasadna xi ftit, izda ahna bqajna wara t-tim u t-tim ghamel loghba erojka, fejn sahansitra zied goal iehor ghal skor finali ta' 3-1. Mat-tielet goal kulhadd qabad bandiera u bqajna nxejruhom sat-tisfira finali, fejn urejna l-apprezzament kollu ghall-isforz li kien ghamel it-tim b'mod kollettiv.

## Birkirkara FC Vs Valletta FC – 17 ta' Marzu

Lanqas biss kellna cans ingawdu ir-rebha memorabbli kontra Sliema Wanderers li ma sibniex ma' wiccna l-akbar rivali taghna: Il-Belt. Il-Belt ghalina, minbarra rivalita' fil-ground, igibu ukoll rivalita' f'dak li ghandu x'jaqsam support, fejn jispikkaw il-White Warriors, l-Ultras beltin. Ghaldaqstant din il-loghba ghalina saret tfisser aktar ghax minbarra li nkunu nixtiequ r-rebha tat-tim taghna fil-ground, inkunu irridu ukoll nuru superjorita' f'dak li ghandu x'jaqsam mal-mentalita' taghna.

Il-wirja tal-partita precedenti qawwet qalb il-grupp, li izda rega kien fjakk fin-numru, din id-darba minhabba li kien hemm min kien ma jiflahx, bl-ezamijiet etc. Dan pero' ma kienx bizzejjed biex ixekkel l-entuzjazmu u r-rieda taghna li naghtu support kontinwu f'partita bhal din. Maghna tellajna xi banners, fosthom hand held bit-

tpingija tal-vapur ‘Erika’ u l-banner ta wara l-lasta ‘Determinazzjoni u kuragg halli nfarrku ‘l tal-Mandragg’. Mill-bidu sa tmiem il-loghba ma waqafniex naghtu l-appogg lit-team taghna, fejn anke fir-repetizzjoni tal-loghba fuq it-televizjoni konna ninstemaw ghalkemm konna ftit. Il-players taw wirja ohra qalbiena, u wara li marru kmieni fil-vantagg, komplew jattakkaw u stajna facilment irduppjana l-iskor. Fit-tieni taqsima ikkontrollaw il-furja beltija b’mod kwazi perfett, u kienu ferm sfortunati li pass fit-tul kwazi bl-amment kellu jahbat ma dahar Ronnie Hartvig u jispicca fix-xibka, meta konna dhalna fil-hin mizjud. Ghalkemm dan il-goal kien bhal stallett, qbadna l-bnadar u kantajna daqs li keiku gew it-tliet punti, ghax il-players zgur li ghamlu sehmhom fil-ground u dan ahna napprezzawh anke meta ma tasalx rebha.




## Birkirkara FC Vs Marsaxlokk FC – 23 ta’ Marzu

Wiehed seta’ jahseb li dak il-goal fl-ahhar li qlajna kotnra l-belt seta jaffettwa lit-team hazin. Fil-bidu ta’ l-istagun dan seta’ jsehh, imma issa t-team qisu sab dik l-armonija u qed jemmen fil-kwalitajiet tieghu. Il-players zaghzagh rabbew personalita’, u jafu li hemm mil-grupp taghna dejjem warajhom ghall-battalja wahda wara l-ohra.

Il-loghba kontra Marsaxlokk kienet programmata ghat-Tnejn 24 ta’ Marzu, izda l-MFA anticipata ghall-gurnata ta’ qabel. Sfortunatament jien kont imsiefer u kelli nasal il-Hadd filaghxija (grazzi MFA). Izda d-dispjacir tieghi li ma stajtx nattendi ghal-loghba inbidel f’ferh kbir meta sirt naf li konna irbahna mac-champions! U mir-

rapporti tal-gazzetti kkonfermajt illi t-tim rega kien determinat li jikseb rizultat, fejn din id-darba kien sahansitra sab ruhu minn that u dawwar ir-rizultat favurih fl-ahhar sekondi.

Billi l-bnadar niehu hsiebhom jien, u ma hsibtx li l-loghba kienet ser issir gurnata qabel, ovvjament ma telawx il-ground. Bhala atmosfera ftit li xejn nista nghid kif kienet minhabba l-fatt li ma kontx prezenti, pero' ninsab cert illi shabi gharfu jatu appogg shih lit-tim, specjalment meta rawh jipprova jaghmel minn kollox biex idawwar ir-rizultat. Ir-rebha waslet u ressqitna aktar qrib it-team tat-tieni post, filwaqt li kkonsolidajna t-tielet post.

## Fenkata Supporters Club – 28 ta' Marzu

Is-supporters club organizzaw fenkata fis-sala ta' wara l-McDonalds, u ahna ftehmna li nghaqqdu mejda ghalina. Kienet l-okkazjoni ideali biex nintaqghu mal-players biex nuruhom l-apprezzament ghall-wirjiet li qed joffru, naghmlulhom kuragg ghall-partiti successivi, u fl-istess hin nintaqghu bejnietna niddiskutu xi affarijiet f'ambjent rilassat.

Waqt is-siegha jew aktar li ghamilna nistennew l-ikel (miskin wiehed minna spicca lanqas kiel ghax kellu jitlaq, izda l-fenek tieghu ma baqax fil-platt thabblux raskom!!!), iddiskutejna l-andament tat-tim, kif ukoll hrigna b'xi ideat ghal partita kontra Floriana. Indunajna bl-importanza ta'din il-loghba biex inkomplu nissieltu ghall post mal-ewwel tlieta u nzommu l-pass ma' ta' fuq. Ghalhekk iddecidejna li ghal din il-loghba naghmlu sofrz akbar biex inhajjru nies jitilaw il-ground u, ghaliex le, jinghaqdu mal-grupp taghna.

Is-supporters club hareg il-banner il-gdid li kien ser jintuza ghall-ewwel darba kontra Floriana. Minn hawn nghidilhom prosit ghax vera gie bis-sens! L-atmosfera kienet wahda pjacevoli u n-nies kollha perzenti kienu jidhru fiducjuzi li t-tim taghna kien ser ikompli fejn halla, u ahna ma konna xejn inqas!!

## Floriana FC Vs Birkirkara FC – 23 ta' Marzu

L-ahhar partita ta' dan ix-xahar kienet kontra Floriana, rivali fil-ground izda hemm rispett reciproku bejn iz-zewg settijiet ta' support. Il-punti pero' kienu fondamentali, u ahna ridna naghmlu minn kollox biex inkunu ta' appogg ghall-players taghna. Maghna tellajna il-bnadar il-kbar nett, wahhalna banner wara l-lasta bil-kliem 'Grinta u loghob qeghdin turuna, b'dal wirjiet komplu paxxuna!', u kellna hand held li konna ghadna m'uzajnihx li jghid 'Game Over', u intuza fl-ahhar tal-partita meta l-loghba kienet vera spiccat u mirbuha. Bhala numru konna mhux hazin, kumparat ma' xi partiti precedenti. Ghal din il-partita attendew ukoll erbgha guvintur Belgjani li

jinsabu btala hawn Malta. Dawn avvicinawna u qalulna li jsegwu l-football, specjalment dak li ghandu x'jaqsam mad-dinja ta' l-ultras. Staqsewna jekk setghux joqodu qrib taghna ghall-atmosfera u ahna ma sibna l-ebda problema. Ta' min jghid ukoll illi xtaqu jiehdu souvenir maghhom lura, u xtraw xalla tal-grupp kull wiehed. Inbieghu ukoll flokk u xalla ohra, u matul din l-ahhar gimgha sibna xi 2 sponsors ukoll ghal fuq il-web site ufficjali taghna (www.BirkirkaraUltras.org)

Il-partita kienet wahda missielta, u minn naha taghna konna ta' support kontinwu, fejn kienu vera ftit u qosra dawk il-mumenti fejn ma kantajniex, specjalment fit-tieni taqsima. Il-players regghu taw wirja pozittiva u marru fil-vantagg u gharfu jikkontrollaw l-avversarji biex fl-ahhar ftit skurjajna l-goal li serrhilna mohhna, zammna qrib iz-zewg timijiet ta' fuq u bnejna vantagg ta' hames punti fuq ir-raba post. L-isbah haga kienet illi l-kumplament tan-nies bdew ikomplu maghna xi drabi u nittamaw li fil-loghbiet li gejjin dan isehh aktar spiss halli nergghu naraw l-enclosure taghna jisboq bil-kuluri u bil-kant!!!




Inzomm l-appuntament maghkom shabi homor u sofor ghal xahar iehor!!

FORZA BIRKIRKARA GHAL DEJJEM

Jonathan Spiteri
(Il-Bidwi)